**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u Sebghin (72)**

**17 ta' Awwissu 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija.

## PREŻENTI:

Aaron Agius - Sindku
Stefan Bajada – Vici Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Victor Zammit - Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Anthony Attard – Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

72.1.1 Id-Deputat Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Anthony Attard ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill hekk kif kien jinsab imsiefer.

72.1.2 Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament li s-Sur Attard għandu jigi skuzat.

**72.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tat-18 ta ta'Lulju 2023**

72.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 71 li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2023 fl-ufficcju amministrattiv.

*18.04 Stefan Bajada 18.04 daħal fil-kamra tal-Kunsill.*

**72.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

72.3.1 Is-Sindku laqa' lis-Sur Joe Louis Sciberras, Shaun Sultana u Franco Debono, ilkoll rappreżentanti mix-Xagħra United FC u stedninhom jindirizzaw il-kamra. Is-sinjuri spjegaw li kienu interessati biex jissieħbu mal-Kunsill u NGO oħra mil-lokalita' tax-Xagħra biex ikunu jistgħu japplikka taħt l-iskema għal fondi maħruba mill-Gozo Action Group Foundation. Ix-xewqa tagħhom

kienu li japlikkaw biex ikunu jistgħu jittranġaw id-dressing rooms fil-grawnd tal-football.

Is-Sindku spjega li din l-applikazzjoni kienet ser tagħlaq fl-aħħar ta' Awwissu u ftit li xejn kien hemm żmien biex wieħed jiffinalizza applikazzjoni li tirrikjedi tlett partners. Safrattant is-Sindku kkomunika mar-rappreżentanti li skemi mill-istess fondazzjoni kienu ser joħorġu fil-futur qarib u għaldaqstant talab lis-sinjuri biex jieħdu ħsieb jippreparaw pjanti u BOQs ħalli eventwalment meta joħorġu dawn is-sejħat ikollhom ħafna xogħol lest.

72.3.2 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li kellu talba għall-kollaborazzjoni mill-koordinatriċi tas-Summer School tax-Xagħra, is-Sa Sonya Zammit. Is-Sa Zammit fit-talba tagħha kienet spjegat li xtaqet li ssir *outing* għall-istudenti tas-Summer School fejn it-tfal ikollhom l-opportunita' li jżur id-*Dream of Horses*. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu jħallas il-miżata għad-dħul għal kull student kif ukoll it-transport għall-istudenti.

72.3.2 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-membri preżenti li l-Kunsill kellu jaħseb biex jinġabru l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel ma' dan. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu nota biex tieħu ħsieb tkellem lis-Surmast Antoine Mercieca fuq il-kunċert tal-Milied.

72.3.3 Is-Sindku Aaron Agius ssuġġerrixxa li l-Kunsill jibdel is-siġar niexfa li kien hemm fil-planters fil-pjazza issa li l-*maintenance agreement* fuqhom kien spiċċa. Is-Sindku wera x-xewqa li jitħawlu siġar tal-oleander anke fuq parir ta' espert tal-pjanti hekk

kif din is-siġra tiflaħa għat-temp qalil ta' pajjiżna. Il-Kunsill qabel li jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dawn is-siġar.

B'referenza għal-vandaliżmu fuq l-istess planters is-Sindku spjega li kien saħansitra mexa b'rapport mal-pulizija u jidher li dan il-vandaliżmu kien waqaf.

72.3.4 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-membri tal-Kunsill preżenti li kien għadu ġej minn żjara f'Atessa fejn kien attenda għall-Festival tat-tin. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tibgħat imejl tirringrazzjahom għaż-żjara sabiħa li kellu fejn kompliet tissaħħaħ il-ħbiberija bejn ix-Xagħra u Atessa. Is-Sindku nforma ukoll lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin se jkun ukoll qed iżur San Michele Salentino wara li kien irċieva stedniha għall-festival tagħhom.

72.3.5 Is-Sindku Aaron Agius talab lis-Segretarju biex tieħu nota biex tiċċekkja mad-Diretttur Ġenereli s-Sa Vicky Xuereb minħabba l-kuntratt ta' Triq Karkar u l-junction ta' Triq L-Għejun. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

## 72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

72.4.1 Il-Kunsillier Victor Curmi ġibed l-attenzjoni li l-*crash barriers* fi Triq Ta' Qaċċa kienu għadhom ma nżebgħux anke jekk kien ilu li ressaq dan l-ilment xhur. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan .

72.4.2 Il-Viċi Sindku Stefan Bajada bankina ressaq l-ilment minn residenta li kienet qed titlob li ssirilha ħadida mal-bankina. Is-Sindku spjega li l-ħadida ma tistax issir peress li din hi kontra l-liġi.

*18.30 Il-Kunsillier Stefan Bajada kellu jirtira mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.*

72.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li hemm toqba kbira li trid timtela fi Triq il-Marġa. Il-Kunsill qabel li din trid timtela. Il-Kunsillier Curmi talab lis-Segretarju biex tiċċekja jekk il-flus li kellu jgħaddu mid-Dipartiment fuq din it-triq kinux għaddew jew le.

72.4.4 Il-Kunsillier Victor Curmi ġibed l-attenzjoni li l-sleeping police fejn il-mużew tas-subien fi Triq Dun Ġorġ Preca kellha bżonn tinbidel għax kienet spiċċat. Is-Sindku ssuġġerriexxa li għandhom isiru ukoll żewġ tabelli li jitolbu għall-attenzjoni tas-sewwieqa minħabba tfal li jafu jkunu qed jaqsmu t-triq. Il-Kunsill qabel li jmexxi fuq dawn is-suġġerimenti qabel ma jerġgħu jibdew l-lezzjonijiet tal-mużew tax-xitwa

72.4.5 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa fuq il-possibilta' li titmexxa ż-żebra crossing fi Vjal It-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill iddiskutta li ż-zebra crossings jkunu approvata minn Transport Malta u mhux la kemm jiġu mħarrka.

72.4.6 Il-Kunsillier Victor Zammit wera x-xewqa li ssir laqgħa *online* mal-ġemellata ta'Chevaigné u ma' Tofida biex tibqa' ħajja l-ħbiberija diġa' mibnija ma' dan il-ġemellati.

72.4.7 Is-Segretarju kkomunikat mal-membri tal-Kunsill li kien hemm bżonn li tinxtara *desk printer*. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru tlett kwotazzjonijiet u tinxtara l-irħas waħda.

72.4.8 Is-Segretarju spjegat li kien ikkomunika magħha s-Sur Victor Xerri, is-supervisor tal-Community Workers allokati mal-Kunsill biex jimtela l-Performance Appraisal Reports tal-ewwel u t-tieni kwart tas-sena. Il-Kunsill iddiskuta li dan huwa fil-kompitu tas-supervisor stess biex jieħu ħsieb jara li jimtela min-naħa tiegħu.. Is-segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tinforma lis-supervisor minnufih.

## 72.5 Festa 2023

72.5.1 Is-Sindku ikkomunika mal-membri li xtaq li l-permessi tal-festa joħorġu fuq l-istess prassi bħas-sena li għaddiet. Is-Sindku spjega li kien se jinsisti li l-bankini jibqgħu aċċessibbli u ma jiġux ikkaparati minn bars jew kiosks.

72.5.2 Is-Sindku rreferra għat-talba li kelli mill-parroċċa fejn il-Kunsill kien qed jintalab jieħu ħsieb il-*clearance* tat-toroq waqt il-festa. Is-Sindku elenka numru ta' problemi biex isir il-clearance fosthom jekk titħarrek xi tabella wara li din tkun tqegħdet, ħaddiema tal-Kunsill bil-leave fil-ġimgħa tal-festa u anke r-responsabilta' żejda fuq il-Kunsill meta l-festa hi avveniment organizzat mill-parroċċa u mhux mal-Kunsill.

Is-Sindku talab għall-kummenti u l-opinjoni tal-membri tal-Kunsill kollha preżenti. Il-Kunsillier Victor Curmi stqarr li hu m'għandux opinjoni fuq dan. Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux jidħol għal din ir-responsabiltà.

Mill-banda l-oħra s-Sindku spjega li l-Kunsill kien responsabbli biex jinforma l-ħwienet fil-pjazza għall-clearances tal-imwejjed, siġġijiet u umbrelel kollha. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan biex tieħu ħsieb tinforma lis-sidien tar-restoranti u bars fil-pjazza.

72.5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ser isir laqgħa mad-Direttur Cutajar fi ħdan Eco Gozo it-Tlieta 22 t'Awwissu 2023 fejn fost l-oħrajn tiġi diskussa l-assistenza mill-Ministeru t'Għawdex fit-tindif mill-Ministeru t'Għawdex. Is-Sindku spjega li kienu nġabru l-kwotazzjonijiet għat-tindif waqt il-jiem tal-festa. Pjazza Vitorja kienet se tinħasel qabel u anke wara l-festa. Il-Kunsillier Victor Curmi talab li jinħaslu ukoll it-triqat li fihom jaqleb l-ilma mill-pjazza biex b'hekk il-ħmieġ ma jintefax quddiem ir-residenti ta' dawn it-toroq. Il-membri preżenti qablu ma' dan. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu nota biex bħas-snin 'l imgħoddija jingħalqu l-isqaqin fil-jiem tal-festa.

72.5.4 Is-Sindku rreferra għall-attivita' tal-Kommemorazzjoni ta' Jum Il-Vitorja li ser jitella' fis-7 ta' Settembru filgħodu. Is-Sindku kkomunika li kien attenda għal-laqgħa mas-sessjoni tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex fuq din l-attivita' fejn kien diskuss programm simili bħas-snin 'l imgħoddija. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb il-festin ta' wara din l-attivita'.

.

72.5.5 Is-Sindku għarraf li l-ktejjeb fuq l-Inkurunazzjoni ta' Maria Bambina kien kważi lest. Is-Sindku spjega li kien hemm Stefan Attard, Noel Vella, Alex Farrugia u Silvana Attard jaħdmu fuq dan il-ktejjeb. Dan il-ktieb jispjega dak li ġara ħamsin sena ilu f'lingwa addattata għat-tfal. Il-ktieb għandu jitqassam lit-tfal

kollha preżenti il-Ħadd 3 ta' Settembru, fil-festa ddedikata għat-tfal.

72.5.6 Is-Sindku kkomunika li tlett ġimgħat biss qabel il-festa għadha ma waslitx it-talba globali għall-kollaborazzjoni mal-għaqdiet għall-attivita' tal-festa mingħand l-Arċipriet. Is-Sindku spjega li ntaqa' ma' diversi membri ta' għaqdiet li qed isaqsu rigward il-kollaborazzjoni iżda sad-data tal-laqgħa it-talba għadha ma waslitx u l-Kunsill m'għandux fuq xiex jiddiskuti u jiddeċiedi.

72.5.7 Is-Sindku rreferra għas-suġġeriment li kellu min-naħa tal-Arċipriet fejn kien qed jitlob li jsiru tabelli li jindikaw li wieħed għandu jevita l-pjazza u juża toroq alternattivi tul il-jiem tal-festa. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment waqt li s-segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tmexxi bit-tabelli minnufih.

72.5.7I Is-segretarju kkomunikat li l-Assistent Prinċipal Josephine Sultana kienet għaddejja bil-preparamenti t'attivitajiet marbuta mal-festa għall-anzjani bħas-snin preċedenti. Is-segretarju talbet lill-membri tal-Kunsill jieħdu nota biex dejjem jekk ikunu disponibbli jattendu għal dawn l-attivitajiet. Il-ħarġa bit-trejn kienet ser isir fit-22 t'Awwissu waqt li l-festin tal-festa għall-anzjani kien ser isir nhar l-Erbgħa 30 t'Awwissu. Is-segretarju kkomunikat li d-Day Centre ma kienx se jiftaħ nhar l-Erbgħa 6 ta' Settembru.

**72.6 Xogħlijiet fuq iċ-Ċentru Ċiviku**

72.6.1 Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq iċ-Ċentru Ċiviku jista' jibda. F'dan l-istadju, hekk kif kienet qed toqrob il-festa s-Sindku xtaq li

jikkomunika mal-kuntrattur u anke l-perit responsabbli biex jara jekk ikunx aktar għaqli li tgħaddi l-festa biex jibda x-xogħol.

Il-Kunsill idiskutta li x-xogħol għandu jibda wara l-festa.

**72.7 Asfaltar ta' Triq Marġa**

**72.7.1** Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li t-triq kienet aċċessibli għat-traffiku. Il-Kunsill iddiskutta li peress li xorta għad hemm xogħlijiet mhux kompluta m'għandhomx jinqalgħu t-tabelli biex biex wieħed ma jgħaddix minna. Is-Sindku spjega li f'dan l-istadju l-Kunsill kien qed jistenna l-LA min-naħa tal-WSC.

**72.7.2** Il-Kunsillier Victor Curmi rreferra għall-kamra tad-dawl li m'għaddiex tintuża biex titwaqqa'. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekja l-korrispondenza li kien hemm mal-Inġinier Mizzi fuq din il-kamra.

**72.7.3** Il-Kunisillier Victor Zammit ġibed l-attenzjoni li hemm ġebla kbira fil-ġenb tat-triq li jkun għaqli li titneħħa. Il-Kunsill qabel li idealment jiġi nfurmat il-kuntrattur biex din titneħħa minnufih.

**72.8 Avvenimenti: End of Summer Festival, Festa għat-tfal fi tmiem il-korsijiet tas-sajf u Xagħra Hill Top Rock Festival**

72.8.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li xtaq li tittella' attivita' li tagħlaq l-istaġun tas-sajf nhar is-Sibt 30 ta' Settembru fil-pjazza bil-band Cash & Band jagħtu spettaklu ta' kant. Il-Kunsill qabel ma' din il-

proposta. Kellu jinħadem poster biex ikun jista’ jitla’ fuq il-midja soċjali.

72.8.2 Is-Sindku kkomunika li jixtieq li tittella’ attivita’ għat-tfal li attendew għall-korsijiet li saru tul ix-xhur tas-sajf nhar l-20 ta’ Settembru, lejliet festa pubblika. Din l-attivita' għandha tinkludi attrazzjonijiet għat-tfal bħal bouncing castles u crafts għat-tfal. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma’ dan.

72.8.3 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jibda bil-preparamenti biex mill-ġdid jerġa’ jibda jsir Hill Top Rock. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir f’Mejju.

## 72.9 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti

72.9.1 Talba mill-Ministeru tal-Energija sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jipprovdi n-*no objection* ghall-installazzjoni ta’ charging pillars ġodda ghall-vetturi elettrici. Il-Ministeru qiegħed jipproponi li dawn ic-*charging pillars* jigu installati fit-toroq Marsalforn, Ta’ Gajdoru, Ghejun, San Gorg Preca, Calypso, Sant’Anton u John Otto Bayer. Il-Kunsill ma qabilx li jagħti l-approval fuq is-siti ssuġġerrietti peress li dawn ħa jżiedu l-problema tal-parkeġġ.

72.9.2 Korrispondenza mill-Ministeru t’Għawdex biex tinbidel it-tabella li tindika -Calypso Cave fi Triq Masri hekk kif spiċċat bix-xemx. Il-Kusill qabel li tinbidel minnufih.

72.9.3 Invit ghall-Festival del Fico Mandorlato fejn is-Sindku s-Sur Allegrini qed jistieden delegazzjoni ta' żewġ persuni mill-Kunsill tax-Xagħra biex jingħaqdu magħhom fit-tmiem il-ġimgħa 25 sas-27 t'Awwissu 2023. Is-Sindku kkomunika li hu kien ser jattendi.

72.9.4 E-mail mis-Sa Stephanie Spiteri fejn esprimit il-problema affaċjati minn persuni bi problemi ta' mobilta' biex jagħmlu użu mill-bankini fil-lokalita' tax-Xagħra. Is-Sa Spiteri lesta li tiltaqa' mal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut waqt li elenka li din hi problema f'Malta u Għawdex kollu.

72.9.5 Ċirkulari 15/2023- Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ fejn il-Kunsill hu mistieden jinnomina żagħżugħ/a għas-seduta parlamentari bejn il-15 sa 25 sena. Il-Kunsill innota l-kontenut pero' ma nnomina lil ħadd.

72.9.6 Komunikazzjoni mir-Reġjun Għawdex fejn il-Caritas qed jitolbu biex il-Kunsill jidħlu magħhom fi proġett għall-komunita'. L-għan ta' dan il-proġett huwa li joħloq kuxjenza u jeduka lill-komunità sabiex jitnaqqas l-użu ta' alkoħol, tabakk u possibbilment prodotti tal-kannabis fost l-adolexxenti.

72.9.7 Korrispondenza mill-Active Aging and Community Care fejn il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa jibagħtu n-nominazzjonijiet għall-Premju Anzjanita' Attiva miftuħa sal-31 t'Awwissu 2023. Ħadd ma ġie nnominat.

72.9.8 Talba mill-Perit Micallef biex tiġi rrilaxxata l-garanzija bankarja fuq PA 4790/019 wara li l-kostruzzjoni hi lesta. Ir-ritratti ġew preżentanti fuq il-mejda tal-Kunsill u l-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni li din il-garanzija tiġi rrilaxxata.

72.9.9 Invit lis-Sindku u l-Kunsilliera għall-Oratorju Nativitas Mariae il-Ġimgħa 25 t'Awwissu fit-8.00pm. Il-Kunsill innota dan l-invit.

72.9.10 Talba biex titneħħa l-Communal Disabled Parking Space li kienet użata mis-Sur Toni Camilleri u anke id-double yellow lines. Triq Jannar. Imexxu ma' TM.

72.9.11 Talba biex isir *refreshing* ta' *yellow lines* fi Triq Ta' Gorf u fi Triq Parisot. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lis-Sur Buhagiar fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex biex jara li jsir refreshing fejn hemm bżonn hekk kif kienet qed toqrob il-festa.

72.9.12 Korrispondenza mill-Contract Manager fejn ġibed l-attenzjoni fuq mera fi Triq Gajdoru, *refreshing* li hemm bżonn isir fi Triq Gajdoru u anke bin tal-klieb li kien mimli bi skart madwaru. Il-Kunsill iddiskutta l-kont mibgħut mill-istess contract manager li kien jammonta għal fuq minn €900 waqt li ma qabilx li dan għandu jitħallas.

72.9.13 Talba mingħand Giovanna Apap ta' Triq Ta' Ġorf sabiex jiġu estiżi d-double yellow lines tul ir-residenza kollha tagħha u t'oħtha biex b'hekk jipprojbixxu l-parkeġġ quddiem tagħhom wara li qed jinsistu li mhux qed ikunu jistgħu jużaw il-garaxx hekk kif diffiċli biex tara minn ġej bil-karozzi pparkjati. Il-Kunsill iddiskutta li talli talba ma tgħaddix minn TM.

72.9.14 Talba minghand il-Kuntistabli Mohr biex isiru sinjali sofor fuq naħa waħda tat-Triq Marsalforn wara li ta'mar fuq il-post wara rapport li daħal minn residenti Nru 132 u Dar In-Nanniet. Il-Kuntistabli spjega li t-triq tidjieq u b'parkeġġ qed ikun affettwat il-flow tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba lil TM.

72.9.15 Talba minghand is-Sur Joseph Portelli fuq l-istat ta' Triq Marġa fejn elenka fl-imejl mibgħut li t-triq qed timxi minħabba ħsara fil-ħitan. Il-Kunsill iddiskutta l-problema li teżisti f'din it-triq fejn qabel li tintbagħat talba lill-Ministeru fuq is-sitwazzjoni tat-triq. Il-Kunsillier Victor Curmi talab lis-segretarju tiċċekkja jekk kinux daħlu l-flus mid-Dipartiment għal din it-triq. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tiċċekja u tkellem lura lis-Sur Curmi.

72.9.16 Talba minghand is-Sur Massimo Feroleto ta’ Triq Sruġ biex isiru 1m double yellow line man-naħa waħda tal-garaxx li ma kinitx saritlu.Is-sinjur qed ikollu problem biex juża l-garaxx hekk kif jipparkja fil-ftit spazju li jifdal sal-ħajt.

72.9.17 Talba minghand is-Sa Sandra Mercieca biex jsiru double yellow line fil-kantuniera ta’ Triq 28 t’April 1688 u Triq San Ġużepp hekk kif qed ikun hemm parkeġġ eżatt fil-kantuniera. It-talba ġiet milqugħa.

72.9.18 Talba minghand is-Sa Victoria Vella biex isir communal disabled parking space ġewwa Nazzarenu qrib il-knisja. Il-Kunsill idiskutta l-fatt li bħalissa TM mhux qed jagħtu permess għal-disabled parking space.

72.9.19 Ilment mis-Sur Oreste Galea ta’ Triq Karkar fuq l-istat ħażin li qed tinżamm Triq Karkar fir-rigward ta’ tindif u ġbir ta’ skart li qed jintefa’ quddiem il-blokka fejn joqgħod.

72.9.20 Ilment simili għal dak ta’ qablu mis-Sa Carmen Karen Galea Mizzi fejn spjegat il-problemi ta’ ħmieġ u skart mormi b’konsegwenza fil-ħajja u s-saħħa tal-familji li jgħixu f’din it-triq. Is-Sindku talab lis-Segretarju tiċċekja mad-Direttur Ġenerali biex tara fejn kien wasal il-grant agreement li kellu jiġi ffirmat biex Triq Karkar tiġi resurfaced.

72.9.21 Talba mis-Sur Rueben Micallef ta’ Triq Il-Ġebla ta’ Sansuna fuq tumbata li tinsab fin-nofs tat triq b’konsegwenza li nħoloq inkonvenjent għas-sewwieqa specjalment dawk li għandhom garaxx għax jaqbdu l-qiegħ tal-karozza.

72.9.22 Ilment mis-Sur Peter Zerafa li nnota l-periklu li hemm fl-istrixxi tal-injam li hemm mal-Belvedere ta’ Calypso b’viti jidhru. Is-segretarju nfurmat li dan l-ilment intbagħat lill-Ministeru t’Għawdex. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tibgħat

tirringrazzja lill-Ministeru għax xogħol fuq il-bankijiet li ġew sbieħ ħafna waqt li titlob l-għajnuna biex jittranġa r-railing f'Ta' Gajdoru.

72.9.23 Talba mis-Sur George Schembri biex titwaħħal mera fi Triq Bullara faċċata ta' Triq Betrija. Qed jissuġġerriexxi li ssir road hump biex tikkontrolla s-sewqan eċċessiv li qed isir f'din triq residenzjali. Il-Kunsill idiskutta li t-talba għall-mera kienet diġa' għaddiet. Il-Kunsill ma qabilx li għandha ssir road hump.

72.9.24 Ilment minn Victor Saliba fejn wara li esperjenza inċident fi Triq Marsjan ħass li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq katusa li hemm fil-ġenb tat-triq li hi ferm perikoluża hekk kif għandha t-truf jaqtgħu ħafna. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbagħat lill-Ministeru t'Għawdex.

72.9.25 Talba mis-Sur Paul Bugeja biex isiru double yellow line faċċata tal-garaxx ta' Gaudos Court fi Triq Liberat Grech peress li mhux qed ikun jista' juża l-garaxx anke peress li t-triq hi waħda dejqa. Il-Kunsill qabel li għandu jinġieb il-permess mis-sid tal-faċċata qabel ma t-talba tintbagħat lil Transport Malta.

72.9.26 Talba minn Twanny Sultana ta' Triq Dun Ġużepp Diacono biex isirlu l-bankina.

## 72.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

72.7.1 Id-Deputat Segretarju Marion Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti waqt li nfurmat li kien hemm kont tar-Reġjun li ma kinitx daħlet fl-iskeda peress li mill-allokazzjoni mgħottija għat-tielet kwart tas-sena kien tnaqqas diġa' l-allokazzjoni għal ġbir tal-iskart.

72.7.1 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**72.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

72.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati illum ________**6 t'Ottubru 2024**____________________

**IFFIRMATA**

____________________

**Aaron Agius**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

__________________

**Marion Attard**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**